MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 226/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Kevin Tanti**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' mitejn u erbgha u sittin liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm264.64), rappresentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99422921.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas li jidher, kemm fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli, kif ukoll ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li ra l-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u sittin liri Maltin u erbgha u sittin centezmu bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' l-avviz kontra l-konvenut, ghandhom jigu ssopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------